MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 533/2012

**Dottor Lorraine Caruana K.I. 95880(M)**
**eżerċenti l-professjoni bħala Dottor Lorraine Portelli**

**vs.**

**Max Grima**
**u b'digriet ta' dan it-Tribunal datat 19 ta' Novembru 2012 l-isem "Max" ġie kanċellat u sostitwit bl-isem "Maximilian"**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750) rappreżentanti l-prezz ta' servizzi dentali u ortodontiċi reżi mill-attriċi fuq inkarigu

tal-konvenut u spejjeż anċillari, illi l-konvenut baqa' ma ħallasx.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2012, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2012, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------